MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Qala

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 6

Il-Hamis 17 ta' Ottubru 2019

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa` fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fl-indirizz Centru Civiku Qala, Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg, Qala, fil-5:00 ta' filghaxija.

PREŻENTI:

Paul Buttigieg – Sindku
Ivan Cefai – Vici Sindku
Karl Buttigieg - Kunsillier
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Hadd

ASSENTI

Hadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marcia Borg – Segretarja Eżekuttiv

Minuti

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresjeda l-laqgha.

## 6.1 Qari tal-ittri tal-apologiji.

6.1 Ma kien hemm ebda ittra tal-apologiji.

## 6.2 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti.

6.2.1 Peress li l-minuti tal-hames laqgha tqassmu qabel dawn gew ikkonsiderati bhala moqrija. Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma li fl-ahhar tal-paragrafu 5.11 ghandha tizdied is-sentenza 'peress li l-*area* hija *outside development zone'*. Huwa semma wkoll li f'paragrafu 5.15 wara l-ewwel sentenza ghandha tizdied 'il-Kunsillier Karl Buttigieg semma li peress li Paul Buttigieg jigi missieru, huwa mhux ser jiehu decizjoni dwar din il-materja'. Wara li zdiedu dawn is-sentenzi l-Kunsill approva l-minuti unanimament.

## 6.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku.

6.3.1 Is-Sindku semma li l-*Qala International Folk Festival* ghas-sena d-diehla ser ikun fit-18, d-19 u l-20 ta' Settembru 2020. Giet trattata ittra minghand Rebeca Ortega li hija *Flamenco dancer* minn Spanja, fejn urejt ix-xewqa li tiehu sehem fil-*Qala International Folk Festival* tas-sena d-diehla. Giet trattat l-*breakdown* ta' persuni mnizzla fil-kont tal-ikla li giet organizzata mill-Ghaqda Briju San Guzepp; 108 persuni. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma li sena ohra dan il-*festival* ghandu jinhadem minn zewg *action groups*. L-ewwel grupp ikun fih il-membri tal-Kunsill u t-tieni grupp ikun il-grupp tas-sottokumitat. Dawn iz-zewg gruppi jikkonsultaw ma xulxin dwar l-organizzazzjoni ta' dan il-*festival* imbaghad wara kollox jigi diskuss u deciz fl-laqgha tal-Kunsill. Huwa semma li l-*festival* ta' din is-sena, jifhem li kien hemm affarijiet lesti u prova jkompli maghhom peress li huwa responsabbli mill-Kultura izda certu affarijiet ma sarux sew per ezempju meta huwa ppropona li jingab grupp minn Sqallija fejn rcieva *email* li l-grupp mhux tajjeb ghax gie sentejn ilu, imbaghad wara li ghadda ftit taz-zmien jigi mistieden dan l-istess grupp. Is-Sindku semma li dan sar peress li kienet urgenti peress li l-grupp Grieg kienu ghadu kif informaw lill-Kunsill li ma kienx ser jippartecipa. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma li mill-lum il-quddiem ebda persuna li mhiex fil-Kunsill ma ser jghidlu li xi haga li huwa jkun qed jipproponi mhux ser isir, jew jghidlu hu x'ghandu jaghmel, jew li l-idea mhux tajba. Il-Kunsill ghandu jghid lil dawn il-persuni li jghinu fl-organizzazzjoni x'ghandhom jaghmlu u mhux dawn il-istess persuni jghidu lill-Kunsill x'ghandu jaghmel.

6.3.2 Is-Sindku semma li l-Ghaqda Muzikali Ite ad Joseph ghandha taghti servizz fil-Festa Ghawdxija li ser isir fit-2 ta' Mejju 2020 u li ghal dan is-servizz ghandha tinghata s-somma ta' €800. Il-Kunsill qabel ma dan.

6.3.3 Is-Sindku semma li ser jinghata bidu ghax-xoghol tat-trasferiment tal-palma li hemm fi 'Gnien il-Familja'.

6.3.4 Giet trattata talba sabiex isir *zebra crossing* fi Pjazza Repubblika.

6.3.5 Gew mqassma l-minuti tal-laqgħa li saret bejn il-Kunsill Lokali Qala u Transport Malta li saret nhar il-Gimgha 4 t'Ottubru 2019. Dawn il-minuti gew approvati unanimament.

6.3.6 Giet trattata l-ittra mibghuta mill-Kap tal-Iskola Primarja Qala dwar il-problema tal-ilma tax-xita li jghaddi quddiem l-iskola bil-konsegwenza li t-tfal jixxarbu sakemm jidhlu. Il-Kunsill iddiskuta din il-problema li ilha tezisti u fl-ahhar iddecida li ghandu jigi mqabbad Perit sabiex jara x'tip ta' xogholijiet iridu jsiru u tinhareg sejha ghall-offerti.

6.3.7 Gew trattati l-linji ta' Gwida dwar il-fondi ghall-attivitajiet u Inizjattivi Kulturali u Socjali. Il-Kunsill iddecida li japplika ghal gonna u tisbih tal-ambjent, jigifieri ta' 'Gnien il-Familja'.

6.3.8 Gie trattat kont ta' €6,368.66 ta' Gatt Tarmac Ltd., dwar xoghol *extra* li sar meta sar ix-xoghol ta *resurfacing* ta' parti minn Pjazza San Guzepp. Is-Sindku semma li l-Perit kien ghamel BOQ tax-xoghol li jammonta sa' €12,000 u li wara kienet zdiedet xi bicca zghira izda zgur li mhux li jammonta ghal daqshekk. Is-Sindku semma li l-kuntrattur ghandu jigi mistieden fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss sabiex jaghti l-gustifikazzjonijiet tieghu dwar dan ix-xoghol *extra*.

6.4 Twegibijiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilleri;

6.4.1 Il-Vici Sindku semma li huwa ghamel kuntatt ma Galea Curmi Engineering Consultants Ltd. sabiex isir spezzjoni fuq sistema tal-panelli li hemm fi 'Gnien il-Hajja'. Galea Curmi Engineering Consultants Ltd. bghatu stima dwar din l-ispezzjoni. Il-Kunsill qabel unanimament ma din l-istima.

6.4.2 Il-Vici Sindku semma li huwa jrid jaghmel kjarifika fuq il-kariga tieghu ta' Vici Sindku. Huwa beda jaqra l-kjarifika kif gej:

6.4.3 'Nixtieq nressaq din ghall-kjarifikazzjoni. Il-Vici Sindku huwa jien fejn gejt elett b'mod demokratiku mill-poplu tal-Qala. Huwa hazin u ingust meta persuna li m'ghandha x'taqsam xejn mal-amministrazzjoni tal-Kunsill tigi indirizzata fil-pubbliku bhala l-Vici Sindku. Ghal minn ma jafx, tajjeb li tkunu tafu li fil-ahhar gurnata tal-QIFF fis-sala ta' Centru fil-prezenza tal-mistiedna barranin, il-membri kollha tal-Menhir Qala Folk Group, iz-zghazagh Qalin li ghenu bil-kbir matul dawk it-tlett ijiem tal-*festival*, ir-rapprezentant tal-Ministru ghal Ghawdex u ohrajn, is-Sindku taghna Paul Buttigieg indirizza lil Charlie Bigeni haddiem assenjat mal-Kunsilli bhala l-Vici Sindku tieghu. Kliem bhal dan mhux xieraq li jinghad, aktar u aktar meta jintqal minn Sindku. Vici Sindku hija kariga u dan l-agir mhux biss juri disrispett u naqqas ta' serjeta` izda hija inaccettabbli li titkellem dwar kariga b'dan il-mod jew b'xi mod iehor. Jekk din il-persuna tahdem ghall-Kunsill hemm hafna adjettivi x'wiehed jista` jghid sabiex juri l-apprezzament tax-xoghol li jaghmel ghall-Kunsill matul is-sena. Nispera li din ma tergax tigri.'

6.4.4 Is-Sindku semma li n-nies qalu li dan il-haddiem huwa l-Vici Sindku, peress li dejjem ikun mieghu (mas-Sindku). Huwa staqsa lil Vici Sindku semghax lilu (Sindku) jghid dan. Il-Vici Sindku semma li qalulu n-nies x'intqal waqt l-ahhar gurnata tal-QIFF. Il-Vici Sindku qal lis-Sindku li huwa jinsab kuntent li huwa Vici Sindku bhal ma huwa (is-Sindku) huwa kuntent li huwa s-Sindku.

6.4.5 Il-Vici Sindku semma li l-materja dwar il-parkegg tal-GOTO fi Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg fejn wiehed mill-parkeggi gie mhehhi. Huwa semma li meta kien l-ufficju tal-Kunsill s-Sindku kien qallu li ser tintbghat ittra lil tal-GOTO fejn jinghataw *deadline* ta' hmistax sabiex wiehed mill-parkeggi jitnehha. Il-Vici Sindku semma li wara li hmistax huwa cempil lil tal-GOTO fejn staqsihom dwar meta ser jitnehha l-parkegg u dawn tal-GOTO qalulu li nforma lill-Kunsill sabiex

jitnehha minn naha tal-Kunsill. Huwa semma li x'hin staqsa lis-Segretarja dwar dan hija nformatu li kienet qalet lis-Sindku, li kien ser iqabbad lil xi hadd mill-haddiema sabiex jitnehha. Il-Vici Sindku semma li kien ghadda iz-zmien u dan il-parkegg baqa` ma tnehhiex. Is-Sindku semma li dan kien ser isir izda kien hemm xogholijiet ohra li kienu qed isiru. Il-Vici Sindku semma li peress li huwa gie informat li s-Sindku kien imsiefer, huwa talab lis-Segretarja sabiex tiehu hsieb li dan jitnehha u filfatt tnehha. Il-Vici Sindku qal lis-Sindku li huwa (s-Sindku) ma nformahx li kien ser ikun imsiefer meta suppost li jkun informat.

6.4.6 Il-Kunsillier Valerie Cassar Mejlak ipproponiet li l-kanna fejn jigu mdendel l-iskart fi Triq ta' Gulju ahjar li titnehha peress li qed ikun hemm mizbla hemm ta' sikwit. Is-Sindku semma li din ser tigi mnehhija.

6.4.7 Il-Kunsillieri Valerie Cassar Mejlak semmiet li l-iskips fi Triq ta' Kassja qed jibblokkaw it-triq u li kieku sew li jigu traferiti f'post iehor. Is-Sindku semma li dan peress li issa nbena hajt il-barra mit-triq habba l-zvilupp li qed isir hemm. Is-Sindku semma li l-Kunsill ghandu jiehu parir dwar jekk il-hajt hux sew kif inhu. Wara diskussjoni l-Kunsill iddecida li l-iskips ghandhom jigu trasferiti ghal Triq il-Barbagann fil-parti l-wiesgha. Gie deciz li jsir avviz li dan is-servizz ser jibda jinghata minn Triq il-Barbagann mit-Tlieta 29 t' Ottubru 2019.

6.4.8 Il-Kunsillier Valerie Cassar Mejlak ppproponiet li ghandha jsir il-bozza tat-triq fi Triq President Anton Buttigieg.

6.4.9 Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma li ghandha jsir *zebra crossing* fi Triq l-Imgarr.

6.4.10 Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma li wara x-xoghol kollu li sar, l-Fortizza ta' Sant Antnin qed terga taqa`. Huwa ssuggerixxa li l-Kunsill ghandu japplika ghal xi fondi sabiex din tigi mkahhla minn barra. Il-Kunsill qabel ma dan.

6.4.11 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma li huwa tefgha post fil-*facebook page* tieghu dwar l-izvilupp li qed isir fi Triq ta' Kassja u semma li huwa qatt ma mexxa ebda tip ta' ghajdut. Huwa semma li m'ghandu x'jaqsam xejn ma dan l-izvilupp u ha gurament li ma xerred l-ebda ghajdut u ma ha l-ebda introjtu minn dan il-progett li qed isir. Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma li l-ikbar ghajdut huwa relatat mieghu u mas-Sindku Paul Buttigieg. Huwa semma li qed jigu n-nies fuqu u jghidulu. Il-Vici Sindku semma li lilu kif ukoll lill-Kunsillier Valerie Cassar Mejlak ukoll qed issemmuhom. Huwa qal li huwa qatt ma qal xejn fuq hadd.

6.4.12 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma li jixtieq jitkellem fuq il-*post* tal-*facebook* tieghu li dwarha xi membri tal-Kunsill kellmuh fuqha fejn qalulu li l-ewwel *post* ghandha jsir fil-*facebook* tal-Kunsill Lokali. Huwa semma li huwa beda jisma xi ghajdut li r-rotta l-gdida tal-*bus* ghamilha s-Sindku wahdu, ghalhekk huwa (Joseph) qabad u hareg l-*post* fuq il-*facebook* tieghu fejn spejga ezatt kif kienet din il-materja; xi membri tal-Kunsill ma qablux ma din il-materja tar-rotta, izda in-nies issa hadu pjacir biha. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma li huwa jinsab imwegga` peress li s-Sindku cempel lill missieru (missier is-Sindku) u dan waqt li kien qedt isir spezzjoni fuq il-post flimkien mal-ufficcjali tat-Trasport Malta, nizel missier is-Sindku jghajjar lilu u lill-Vici Sindku fit-triq, haga li qatt ma riedet issir. Is-Sindku semma li mhux veru li huwa cempel lill-missieru. Is-Sindku qal lill-Kunsillier Joseph li huwa dagha. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg qal li dan zgur li mhux minnu u li huwa qal dan il-kliem 'jekk inti sejjer toghli lehnek inti jien ukoll ser ngholli lehni u li dazgur li qatt ma jsir xejn' u wara dan il-kliem qabad u telaq 'l hemm. Is-Sindku qal lill-Kunsillier Joseph Buttigieg li huwa ried li l-*bus* tghaddi darbtejn minn quddiem ir-residenza tieghu (tas-Sindku) apposta. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma li huwa ta servizz lin-nies tal-lokalita` u li huwa kuntent b'hekk. Huwa semma wkoll li tat-Trasport Malta qalulu li

s-Sindku cempillu biex isir laqgha f'gurnata meta huwa (Joseph) ma kienx ser ikun Malta. Huwa qal lis-Sindku meta kienet ser isir il-laqgha l-ewwel darba, l-Kunsill iddecida li jistenna lill-Kunsillieri Karl Buttigieg u Valerie Cassar Mejlak peress li dawn kienu ser ikunu imsiefrin u issa giet iffissata laqgha meta huwa (Joseph) kien ser ikun imsiefer u ma setghatx titressaq ghal gurnata ohra peress li fis-6 t'Ottubru kienet ser tibda topera r-rotta u sallum ghandna 17 t'Ottubru ghadha ma bdietx. Is-Sindku semma li mhux veru ghamel il-laqgha apposta meta ma kienx ser ikun prezenti l-Kunsillier Joseph Buttigieg u tat-Trasport Malta qalu li r-rotta ser tibda fis-6 t'Ottubru.

6.4.13 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma li mnejn sa fejn tinhareg post fuq il-*facebook* tal-Kunsill fuq il-*Playing Field* li kienet tghid 'Jiena weghdkom……….' Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma li din qatt ma riedet isir, huwa semma li nofs il-membri tal-Kunsill ma setghux iwieghdu ghax ma kienux fil-Kunsill qabel Gunju 2019. Huwa semma wkoll li l-Kunsillieri qatt ma jkunu *tagged*. Kunsillieri ta' Kunsilli ohra jkunu *tagged* u semma li ma jaqbilx kif qed isiru l-affarijiet fuq il-*facebook* tal-Kunsill li qed jiehu hsieb is-Sindku. Huwa ppropona li l-*facebook page* ghandha tkun f'idejn is-Segretarja Ezekuttiv. Is-Sindku semma li huwa ma jaqbilx ma dan. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma li ghandu jittiehed vot sabiex is-Segretarja tal-Kunsill itellgha l-*facebook page* tal-Kunsill. Sar vot bi zewg voti favur, wiehed kontra u zewg estenzjonijiet. Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma li ghandu jittiehed vot iehor fejn is-Sindku jiehu hsieb fil-*facebook* tal-Kunsill izda jsir *share* tal-*post* qabel. Il-vot sar bi tlett voti favur u zewg voti kontra.

## 6.5 Applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp fuq kamra f' Ta Muxi.

6.5.1 Is-Sindku semma li giet organizzatha *press conference* dwar l-applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp fuq kamra f'Ta Muxi. Il-Kunsill iddecida li ghandu jigi mqabbad persuna sabiex ikun rapprezentant fuq il-bord tal-Ippjanar meta tkun qed tigi deciza din l-applikazzjoni. Il-Kunsill iddecida li dan ir-rapprezentant fi isem il-Kunsill ghandu jkun il-Perit Carmel Cacopardo. Is-smiegh tad-decizjoni ser isir fit-30 t'Ottubru 2019. Gew trattati email li ghaddew bejn il-Kunsilleri dwar dan il-kaz datati 3 u l-4 t'Ottubru 2019.

## 6.6 Tizjin bid-dawl fi Triq it-28 t'April 1688 ghall-Milied.

6.6.1 Ghal din il-parti tal-laqgha gie mistieden is-Sur Joseph Cutajar. Huwa ta spejgazzjoni tad-disinn bid-dwal li huwa qed jippjana li jaghmel sabiex jarma Triq it-28 t'April 1688 ghal Milied. Il-Kunsill qabel ma dan id-disinn.

## 6.7 Premju Unur Gieh il-Qala 2019.

6.7.1 Is-Sindku ppropona li Premju Unur Gieh il-Qala 2019 ghandu jsir is-Sibt 14 ta' Dicembru 2019.

## 6.8 Ir-*roundabouts* madwar il-lokalita`.

6.8.1 Is-Sindku semma li ser tinhareg sejha ghall-offerti sabiex jittrangaw ir-*roundabouts* madwar il-lokalita` izda l-Perita ghad trid taghmel il-pjanti.

## 6.9 Greenpak *Local Council Awards*.

6.9.1 Is-Sindku semma li huwa kuntent li l-Kunsill Lokali Qala nghata l-Greenpak Local Council Awards peress li tal-GreenPak gew fil-lokalita` u sabu il-lokalita` nadifa. Il-Vici Sindku staqsa dwar kif gie maghzul il-Kunsill. Is-Segretarja Ezekuttiva semmiet li dan sehh permezz ta' applikazzjoni. Hija semmiet li tal-GreenPak kienu bghatu korrispondenza qabel l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali sabiex il-Kunsilli japplikaw ghal dawn l-*awards*, izda peress li l-Kunsilli kollha kienu mhabbtin bl-elezzjonijiet, Greenpak taw estenzjoni wara li saru l-elezzjonijiet. Hija semmiet li kienet ppreparat applikazzjoni fejn semmiet fid-dettal dak kollu li ghamel il-Kunsill sabiex izomm il-lokalita` nadifa. Hija semmiet ukoll li Segretarju ta' Kunsill Lokali kien staqsiha kif il-Kunsill Lokali Qala ha dawn l-*awards* peress li fil-lokalita` taghhom il-Kunsill ukoll jaghmel hafna tindif u li xhin qaltlu bl-applikazzjoni, dan lanqas kien jaf biha. Jigifieri kieku ma saritx applikazzjoni ma kienux ser jigu jaghmlu spezzjonijiet fil-lokalita`. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg qal lis-Sindku li huma; l-Kunsillieri, ma kienux informati bic-cerimonja tal-ghoti ta' dawn l-*awards* li huwa attenda u li kieku ghal darba ohra sew li s-Sindku jinforma lill-Kunsilleri. Is-Sindku semma li l-Kunsill gie awarded €1,500 u li b'dawn ghandhom jinxtraw *bins* godda ghall-Belvedere. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 6.10 Attivitajiet ghal zmien il-Milied 2019.

6.10.1 Is-Sindku semma li l-attivitajiet ghal zmien il-Milied 2019 kif ukoll attivitajiet li ser isiru f'Novembru huma kif gej:

6.10.2

| | |
|---|---|
| 30 t'Ottubru 2019 | Harga ghall-Malta |
| 4 ta' Novembru 2019 | Film ghal kulhadd |
| 15 ta' Novembru 2019 | Tombla u lunch |
| 24 ta' Novembru 2019 | Loghob ta' Dari |
| 29 ta' Novembru 2019 | Gita ghal Sqallija |
| 14 ta' Dicembru 2019 | Gieh il-Qala 2019 |
| 17 ta' Dicembru 2019 | Tombla u Lunch |
| 20 ta' Dicembru 2019 | Party tal-Milied ghat-Tfal |

6.10.3 Il-Kunsill qabel ma dan.

6.10.4 Is-Sindku semma li forsi isir Harga ohra ghal Malta f'Dicembru. Il-Kunsillier Valerie Cassar Mejlak semmiet li ghandha jsir attivita ta' *clean up* f'Novembru u l-Kunsillier Joseph Buttigieg semma li huwa jixtieq jorganizza Harga ghal Malta f'Jannar 2020 fejn jigu involuti l-Kunsill Lokali ta' Marsaskala sabiex jerga jiehu spinta l-gemellagg li kien sar bejn iz-zewg lokalitajiet. Is-Sindku semma li din il-harga trid tigi organizzata mill-Kunsill.

6.10.5 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma li ghal gita ta' Sqallija ser jigu dsatax il-persuna. Huwa semma li l-*coach* ta' Sqallija *booked* u li qed jipprepara programm. Huwa semma wkoll li ghandha tigi msejha laqgha ghal dawk kollha li ser jigu l-gita sabiex jigi spejgat kollox. Saret ukoll l-assigurazzjoni ghal kull persuna.

6.10.6 Il-Kunsill iddecida li l-ikla tal-Milied tal-Kunsill ghandha jsir nhar is-27 ta' Dicembru 2019.

## 6.11 Ghazla tal-offerta ghal *project manager, project coordinator u project activities organiser.*

6.11.1 Nhar l-erbatax t' Ottubru 2019 saret laqgha tal-bord tal-evalwazzjoni dwar l-ghazla tal-offerta ghal *project manager, project coordinator u project activities organiser*. Il-bord tal-evaluazzjoni ddiskuta l-offerti u wara dan ghazla offerta minnhom. Il-Kunsill studja r-rapport tal-bord tal-evaluazzjoni u qabel mieghu.

## 6.12 Il-gazzetta Lehen il-Kunsill.

6.12.1 Is-Sindku talab lill-Kunsillieri sabiex jippreparaw l-artiklu taghhom ghal fuq il-gazzetta Lehen il-Kunsill.

## 6.13 Laqgha tal-lokalita`

6.13.1 Is-Segretarju Ezekuttiv semmiet li skond l-Att dwar il-Gvern Lokali kull meta jsiru l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali wara trid tigi msejha Laqgha tal-lokalita`. Il-Kunsill iddecida li din il-laqgha ghandha jsir nhar il-Hamis 21 ta' Novembru 2019 fil-5:00 ta' filghaxija.

## 6.14 *CCTV camera's* fi Triq il-Wileg.

6.14.1 Is-Segretarju Ezekuttiv semmiet illi skond cirkulari tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali ir-*retention period* hija ta' seba` t'ijiem. Il-Kunsill iddiskuta dan u ddecida li r-*retention period* ghandha tkun ta' tletin gurnata halli jekk ma jsirx *monitoring* ta' spiss jew haga ohra jkun hemm zmien bizzejjed. Is-Segretarja staqsiet dwar il-*monitoring* hux ser ikun f'idejn il-Kunsill jew f'idejn il-LESA. Gie deciz li dan ikun f'idejn il-Kunsill fejn imbaghad wara jinforma lill-LESA bil-kontravenzjonijiet. Is-Segretarju semmiet li skond din l-istess cirkulari d-*data controller* hija fir-responsabilta` tas-Segretarju Ezekuttiv. Hija ssuggerit li l-*monitoring* ta' din ic-CCTV ghandha tkun f'idejn lis-iskrivana tal-Kunsill biss jekk xi hadd jitlob xi *footage*, l-iskrivana trid titlob permess bil-miktub mis-Segretarja imbaghad is-Segretarja taghti l-approvazzjoni taghha ghandux jinghata jew le. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 6.15 Proposta ghal 'Gnien il-Familja'.

6.15.1 Is-Sindku semma li huwa gie kkuntatjat mill-Ministeru ghal Ghawdex sabiex isir *dog park* fl-ahhar parti ta' Gnien il-Hajja' li qed vicin 'Gnien il-Familja'. Il-Kunsill qabel ma dan. Is-Sindku semma li ser jqabbad Perit sabiex jaghmel pjanta. Is-Segretarja gibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li ghandhom jingabu xi stimi sabiex jitqabbad Perit ghal dan ix-xoghol. Il-Kunsillier Karl Buttigieg issuggerixxa li ghandu jittranga 'Gnien il-Hajja' kollu peress li qed fi stat hazin.

Is-Sindku Paul Buttigieg u l-Kunsillier Karl Buttigieg semmew li ma setghux jibqghu izjed ghall-laqgha peress li kellhom xi impennji ohra, ghalhekk l-iskedi tal-pagamenti, mozzjonijiet kif ukoll il-korrispondenza ma gewx mghoddija.

## 6.18 Tmiem il-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

6.18.1 Il-laqgha ntemmet fit-8:00 ta' filghaxija u giet aggornata ghal nhar il-21 ta' Novembru 2019.

Ikkonfermati illum, il-Hamis 21 t'Novembru 2019

Paul Buttigieg
Sindku

Marcia Borg
Segretarju Ezekuttiv